2025/1997 1.10.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1997

## tal-25 ta' Settembru 2025

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq [1] (il-"Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni fid-29 ta' Ġunju 2022, u ilu jiġi applikat b'mod proviżorju minn dik id-data, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1158 [2]. Daħal fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2022.

(2) L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jirrieżamina perjodikament il-funzjonament tal-Ftehim fid-dawl tal-objettivi tiegħu. Skont l-Artikolu 7(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt irid jitlaqqa' mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim sabiex jivvaluta u jiddeċiedi dwar il-ħtieġa tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 2/2023 tal-Kumitat Konġunt [3] tawlet id-durata tal-Ftehim sat-30 ta' Ġunju 2024.

(4) Fl-20 ta' Ġunju 2024, ġie ffirmat mill-Unjoni l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-Ftehim [4] (il-"Ftehim Emendatorju"), u huwa ilu jiġi applikat b'mod proviżorju minn dakinhar, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1876 [5]. Il-Ftehim Emendatorju tawwal id-durata tal-Ftehim sat-30 ta' Ġunju 2025, b'tiġdid taċitu għal perjodu wieħed ta' 6 xhur. Il-Ftehim ġie mġedded b'mod taċitu sal-31 ta' Diċembru 2025.

(5) Sabiex kemm l-Unjoni kif ukoll l-Ukrajna jkomplu jibbenefikaw mill-effetti pożittivi tal-Ftehim, billi jiffaċilitaw it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni u l-Ukrajna u minn ġo fihom u jappoġġaw il-funzjonament effettiv tal-Korsiji ta' Solidarjetà fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Ftehim jenħtieġ li jitkompla sal-31 ta' Marzu 2027.

(6) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa li jmiss tiegħu, irid jadotta deċiżjoni dwar il-ħtieġa ta' kontinwazzjoni ulterjuri tal-Ftehim. Dik id-deċiżjoni ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim.

(8) Minħabba t-tħassib u l-inċertezzi mqajma minn xi Stati Membri dwar l-impatt negattiv tal-Ftehim, il-Kummissjoni ser tniedi studju dwar l-impatt tal-Ftehim fuq l-industrija tat-trasport bit-triq li ser jeżamina wkoll it-tħassib dwar is-sikurezza fit-toroq, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali.

---

(1) ĠU L 179, 6.7.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2022/1158/oj.
(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1158 tas-27 ta' Ġunju 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 179, 6.7.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1158/oj).
(3) ĠU L 123, 8.5.2023, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/929/oj.
(4) ĠU L, 2024/1878, 2.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1878/oj.
(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1876 tal-20 ta' Ġunju 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq tad-29 ta' Ġunju 2022 (ĠU L, 2024/1876, 2.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1876/oj).

(9) Jenħtieġ li kwalunkwe kontinwazzjoni ulterjuri tal-Ftehim tkun soġġetta għal progress sodisfaċenti li sar fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni Ukrena mal-*acquis* tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bit-triq li għadu ma ġiex traspost u jenħtieġ li jitqiesu r-riżultati tal-istudju dwar l-impatt tal-Ftehim fuq l-industrija tat-trasport bit-triq.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar il-trasport tal-merkanzija bit-triq ("il-Ftehim"), fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu fuq bidliet minuri fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BJERRE

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI NRU 3/2025 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-UKRAJNA DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ**

**ta' …**

**fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (il-"Ftehim") tawlet il-Ftehim sat-30 ta' Ġunju 2024. Fl-20 ta' Ġunju 2024, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq tad-29 ta' Ġunju 2022 ([2]) immodifika u estenda b'mod ulterjuri l-Ftehim sat-30 ta' Ġunju 2025, b'tiġdid taċitu għal perjodu ieħor ta' 6 xhur. Il-Ftehim ġie mġedded b'mod taċitu sal-31 ta' Diċembru 2025.

(2) Skont l-Artikolu 7(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt irid jitlaqqa' mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim, sabiex jivvaluta u jiddeċiedi dwar il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim.

(3) L-Unjoni u l-Ukrajna jkomplu jibbenefikaw mill-effetti pożittivi tal-Ftehim, billi jiffaċilitaw it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni u l-Ukrajna u minn ġo fihom. Il-Ftehim sar appoġġ essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-Korsiji ta' Solidarjetà.

(4) Jenħtieġ li l-kontinwazzjoni tal-Ftehim tinftiehem ukoll bħala kontribut għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna lil hinn mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

(5) Għalhekk jixraq li l-Ftehim jitkompla sal-31 ta' Marzu 2027.

(6) Il-Kummissjoni Ewropea ser tniedi studju dwar l-impatt tal-Ftehim fuq l-industrija tat-trasport bit-triq li ser jeżamina wkoll it-tħassib dwar is-sikurezza fit-toroq, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, li għandu jingħata sat-30 ta' Novembru 2026.

(7) Jenħtieġ li kwalunkwe kontinwazzjoni ulterjuri tkun soġġetta għal progress sodisfaċenti li sar fir-rigward tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni Ukrena mal-*acquis* tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bit-triq sat-30 ta' Novembru 2026. L-allinjament tal-leġiżlazzjoni Ukrena jenħtieġ li jiffaċilita l-funzjonament xieraq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq skont dan il-Ftehim u jenħtieġ li jitwettaq fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni attwali li bdew fl-14 ta' Diċembru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kontinwazzjoni tal-Ftehim**

1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq hu b'dan jitkompla sal-31 ta' Marzu 2027.

2. Kwalunkwe estensjoni ulterjuri jenħtieġ li tkun soġġetta għall-progress sodisfaċenti li jkun sar fir-rigward tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni Ukrena mal-*acquis* tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bit-triq kif stipulat fl-Appendiċi ta' din id-deċiżjoni.

([1]) ĠU UE L 179, 6.7.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2022/1158/oj.
([2]) ĠU UE L, 2024/1878, 2.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1878/oj.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-Kopresidenti*

*Appendiċi*

**Deċiżjoni Nru 3/2025 tal-Kumitat Konġunt**

**stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq**

**ta' …**

**fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim**

| *Acquis* tal-UE li għandu jiġi traspost mill-Ukrajna (UA) (*) | Bażi legali tal-UE | Implimentazzjoni legali | Kummenti |
|---|---|---|---|
| Stabbiliment ta' reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-UE | L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009<br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE | Leġiżlazzjoni tal-UA<br>Deċiżjoni possibbli tal-Kumitat Konġunt dwar ksur maġġuri | |
| Kundizzjonijiet relatati mar-rekwiżit tal-istabbiliment | L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 | Leġiżlazzjoni tal-UA | |
| Kundizzjonijiet relatati mar-rekwiżiti ta' reputazzjoni tajba | L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 | Leġiżlazzjoni tal-UA | |
| Vetturi ġodda rreġistrati fl-Ukrajna mill-1 ta' Lulju 2026 u li joperaw skont il-Ftehim, iridu jkunu mgħammra b'takografu intelliġenti v2 | L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 | Leġiżlazzjoni tal-UA<br>Deċiżjoni possibbli tal-Kumitat Konġunt | Id-Deċiżjoni 2/2025 tal-Kumitat Konġunt diġà tittrasponi l-biċċa l-kbira tal-*acquis* tat-takografi |
| Modifika retroattiva tat-takografu intelliġenti v2 tal-flotta Ukrena li topera skont il-Ftehim u li ma hijiex soġġetta għar-rekwiżit preċedenti | L-Artikolu 3(4) u 3(4a) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 | Leġiżlazzjoni tal-UA | Id-Deċiżjoni 2/2025 tal-Kumitat Konġunt diġà tittrasponi l-biċċa l-kbira tal-*acquis* tat-takografi.<br>Id-disponibbiltà u l-kapaċità tas-sessjonijiet ta' ħidma u t-taħriġ tal-persunal ser jitqiesu fil-valutazzjoni ta' din il-miżura |
| Allinjament mad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ | L-Artikoli 6 sa 9 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 kif emendat bir-Regolament (UE) 2020/1054 | Leġiżlazzjoni tal-UA | Din ma għandhiex tinkludi l-konnessjoni mal-modulu soċjali tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) |

| *Acquis* tal-UE li għandu jiġi traspost mill-Ukrajna (UA) (*) | Bażi legali tal-UE | Implimentazzjoni legali | Kummenti |
|---|---|---|---|
| Allinjament mad-dispożizzjonijiet tal-UE rigward il-ħinijiet tax-xogħol | Id-Direttiva 2002/15/KE | Leġiżlazzjoni tal-UA | Din ma għandhiex tinkludi l-konnessjoni mal-modulu soċjali tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) |

(*) Għall-fini tal-valutazzjoni tal-progress, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Grupp ta' Ħidma Ad hoc stabbilit bl-Artikolu 7A tal-Ftehim:
— rapport inizjali dwar l-istatus tal-implimentazzjoni sat-30 ta' Jannar 2026;
— valutazzjoni tal-progress fl-allinjament sal-31 ta' Mejju 2026;
— valutazzjoni ulterjuri tal-progress fl-allinjament sat-30 ta' Novembru 2026.